

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1424****tat-8 ta' Ottubru 2020****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1017 fir-rigward tal-limiti massimi baġitarji għall-2020 applikabbli għal ċerti skemi ta' appoġġ dirett fil-Belġju, fil-Bulgarija, fid-Danimarka, fil-Kroazja, fil-Lussemburgu u fil-Portugall**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 22(1), 36(4), 42(2), 47(3), 51(4) u 53(7) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1017<sup>(2)</sup> stabbilixxa l-limiti massimi baġitarji annwali għal ċerti skemi ta' pagament dirett għall-2020.
- (2) Il-limiti massimi baġitarji annwali stabbiliti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1017 huma bbażati fuq il-limiti massimi nazzjonali stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 kif emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/756<sup>(3)</sup>. Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/756 integra d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri fir-rigward tat-trasferimenti bejn il-pagamenti diretti u l-iżvilupp rurali skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għas-sena kalendarja 2020.
- (3) Madankollu, sabiex jittaffew il-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 u tad-diffikultajiet li jirriżultaw għas-settur tal-biedja, il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Kroazja, il-Lussemburgu u l-Portugall innotifikaw reviżjoni tad-deċiżjonijiet tagħhom fir-rigward tat-trasferimenti bejn il-pilastru. Il-limiti massimi rispettivi fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 ġew emendati sussegwentement bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1314<sup>(4)</sup>, li jinkorpora l-impatt tad-deċiżjonijiet u l-ammonti riveduti notifikati.
- (4) Minħabba li l-limiti massimi baġitarji annwali għall-2020 huma bbażati fuq il-limiti massimi nazzjonali stipulati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-bidliet tal-limiti massimi nazzjonali jinvolvu bidliet tal-limiti massimi baġitarji annwali għall-Istati Membri kkonċernati. Barra minn hekk, ċerti Stati Membri rrevedew ukoll ċerti allokkazzjonijiet għall-iskemi differenti sa fejn meħtieġ fid-dawl tar-reviżjoni tal-flessibilità.
- (5) Sabiex jitqiesu dawk il-bidliet, jenħtieġ li l-limiti massimi baġitarji għall-iskema ta' pagament bażiku, l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja, il-pagament ridistributtiv, il-pagament għall-prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent, l-iskema għall-bdiewa żgħażaġh u l-appoġġ akkoppjat volontarju għas-sena kalendarja 2020 jiġu kkalkulati mill-ġdid għall-Istati Membri kkonċernati.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1017 jiġi emendat skont dan.
- (7) Billi l-emenda li qed issir permezz ta' dan ir-Regolament taffettwa l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1017, li japplika mill-1 ta' Jannar 2020, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-istess data.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Pagamenti Diretti,

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1017 tat-13 ta' Lulju 2020 li jstabbilixxi l-limiti massimi baġitarji għall-2020 applikabbli għal ċerti skemi ta' appoġġ dirett previsti fir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 225, 14.7.2020, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/756 tal-1 ta' April 2020 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 179, 9.6.2020, p. 1).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1314 tal-10 ta' Lulju 2020 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti massimi nazzjonali u tal-limiti massimi netti għall-pagamenti diretti għal ċerti Stati Membri għas-sena kalendarja 2020 (ĠU L 307, 22.9.2020, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1017 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ottubru 2020.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

## ANNEX

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1017 huwa emendat kif ġej:

- (1) fil-punt I, l-entrati għall-Belġju, għad-Danimarka, għall-Kroazja, għal-Lussemburgu u għall-Portugall huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Il-Belġju	225 124
Id-Danimarka	522 054
Il-Kroazja	157 075
Il-Lussemburgu	24 004
Il-Portugall	290 208"

- (2) fil-punt II, l-entrata għall-Bulgarija hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-Bulgarija	412 836"
---------------	----------

- (3) fil-punt III, l-entrati għall-Bulgarija, għall-Kroazja u għall-Portugall huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Il-Bulgarija	60 844
Il-Kroazja	34 828
Il-Portugall	55 320"

- (4) fil-punt IV, l-entrati għall-Belġju, għall-Bulgarija, għall-Kroazja, għal-Lussemburgu u għall-Portugall huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Il-Belġju	151 580
Il-Bulgarija	260 016
Il-Kroazja	104 484
Il-Lussemburgu	10 583
Il-Portugall	205 307"

- (5) fil-punt VI, l-entrati għall-Belġju, għall-Bulgarija, għall-Kroazja, għal-Lussemburgu u għall-Portugall huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Il-Belġju	9 563
Il-Bulgarija	3 016
Il-Kroazja	6 966
Il-Lussemburgu	529
Il-Portugall	13 687"

- (6) fil-punt VII, l-entrati għall-Belġju, għall-Bulgarija, għall-Kroazja, għal-Lussemburgu u għall-Portugall huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Il-Belġju	10 105
Il-Bulgarija	17 334
Il-Kroazja	6 966
Il-Lussemburgu	706
Il-Portugall	13 687"

- (7) fil-punt VIII, l-entrati għall-Belġju, għall-Bulgarija, għad-Danimarka, għall-Kroazja u għall-Portugall huma sostitwiti b'dan li ġej:

“Il-Belġju	83 510
Il-Bulgarija	130 008
Id-Danimarka	32 863
Il-Kroazja	52 242
Il-Portugall	134 204”